**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Gerald Cauchi**

**Kumpilazzjoni Numru: 317/16**

**Illum, 20 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Gerald Cauchi detentur tal-karta tal-identita` numru 122968M gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Gunju 2016, gewwa Triq Fuq San Pawl, Cospicua ghal habta ta bejn is-saghtejn u s-saghtejn u ghaxra (1400hrs - 1410hrs) ta' wara nofsinhar,

a) ikkommetta offizi ta natura gravi fuq il-persuna ta' ***Paul Attard, anzjan ta' disgha u sittin sena*** u missier il-mara tieghu,
b) talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta

Ukoll talli nhar is-17 ta' Gunju, 2016 gewwa San Anton, Fl 4, Triq John Pace, Cospicua ghal habta ta bejn it-tmienja u nofs u id-disgha u nofs ta bil-lejl (2030hrs -2130hrs)

c) ikkommetta offizi ta natura hafifa fuq il-persuna ta' ***Mary Grace Cauchi***, martu

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq, kif ukoll il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra ***Gerald Cauchi***, a beneficju ta ommu ***Paul Attard u Mary Grace Cauchi*** u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar elfejn u sbatax (2017) sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja u fejn ra li ghandha tinstab htija taht l-Artikoli:

(1) Fl-Artikoli 214, 215, 216 (1)(b), 222(a), 222A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 214, 215, 221, 222(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikolu 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tittratta u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'dizgwid familjari bejn l-imputat u martu Mary Grace Cauchi u fejn din garrbet griehi hfief kagun ta' dan l-incident u fejn anke missierha garrab griehi gravi permezz ta' daqqa fuq imniehru.

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi dak li gara kien dizgwid familjari sfortunat mhux ghax l-imputat huwa bniedem hazin izda sforz is-sahna tal-mument. Irrizulta wkoll illi mart l-imputat fil-fatt hafret lil zewgha u rrinunzjat dak li hu rinunzjabbli.

Min-naha tieghu missierha u cioe' Paul Attard ukoll hafer lill-imputat u rrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli pero' peress li l-griehi tieghu kienu ta' natura gravi u peress li hemm addebitat lill-imputat l-aggravju tal-eta' fil-konfront ta' missier il-mara tieghu, tali proceduri kellhom jitkomplew.

Illi rrizulta wkoll illi l-griehi tal-parte civile Paul Attard kienu gravi pero' mhux tali li rrendew sfregju fuq il-wicc tal-istess izda peress li kien hemm xi ksur fl-imnieher u dan kif gie rrapurtat mill-espert nominat mill-Qorti Dr. Adrian Agius.

Illi ghal dawn il-motivi t-tielet (3) akkuza ma tistax tinstab htija stante li din giet irtirata mill-parte civile Mary Grace Cauchi, l-ewwel (1) akkuza ugwalment ma gietx ippruvata stante li l-Artikolu li fuqu bbaza din l-akkuza l-Avukat Generali

huwa l-Artikolu 216 (1)(b) u cioe' offiza ta' natura gravi li biha ggib l-isfregju fuq il-wicc u kif diga' nghad, dan ma kienx il-kaz. Illi jinghad li din il-Qorti f'dawn it-tip ta' proceduri ghandha tibqa' biss fuq l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali.

Konsegwentement gialadarba din l-offiza ma gietx ippruvata anke l-aggravju tal-eta' ma jistghax jigi ppruvat ghaliex dan qed jigi abbinat mal-offiza gravi.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza jirrizulta li din giet ippruvata permezz tal-ufficjal tal-pulizija li xehed illi sema' ghajjat barra u anke' mix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud li ra l-incident isehh quddiem ghajnejh barra t-triq.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil Gerald Cauchi hati biss tat-tieni (2) akkuza u tikkundannah ammenda ta' ghoxrin ewro (€20) filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha stante li ma gewx ippruvati.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**